SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 35/K6/10

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 30/09/'10** **264**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 30/09/'10** **318**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru 2010.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti:
Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsilliera Irene Borg

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marisa Micallef.

1.04 Kien preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-24 ta' Settembru 2010. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Management Letter
4. Attivitajiet tal-Milied
5. Aġġornament - Kwotazzjoni - Għall-preparazzjoni tas-*Sustainable Energy Action Plan* (SEAP)
6. Tenders: - A Period Contract of Upkeep and Maintenance of Access Roads and Access only and Pedestrian Streets
   - Resurfacing of Roads by Public Private Partnership
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

### Minuti - Kunsill

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 33/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 33/K6/10.

1.3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 34/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.06 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 34/K6/10.

1.3.07 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondaha.

1.3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.3.09 Iċ-Chairman ressaq u ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 02/KA1/10 tal-Kumitat Amministrattiv.

1.3.10 Il-Viċi-Sindku ssekondah.

1.3.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.12 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss item 3 qabel item 2.

1.3.13 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Management Letter**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Management Letter u l-azzjoni li ser tittieħed fuqha permezz ta' ittra Rif. K1194/62&200-08/10 (Ara Appendici 'A').

3.02 L-Accountant ta spjegazzjoni fid-dettal tal-management letter u tar-risposta li ser tintbagħat.

3.03 Waqt id-diskussjoni ġie deċiż unanimament li fejn hemm certi nuqqasijiet l-Accountant jara li dawn jiġu rogolati.

3.04 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni tar-risposta għall-Management Letter (K1194/62&200-08/10).

3.05 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

3.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Bank BOV talab li jigi ffirmat id-dokument "Pledge over life assurance or other insurance policy". Inġiebet ukoll għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza li l-kunsill kien ircieva mill-BOV datata 8 ta' Jannar 2002, item 'L' taħt 'Other Conditions,' li tgħid "Pledge on LP is not being requested in view that loan is being considered as a non residential mortgage". Minbarra dan ġiet ippreżentata wkoll kopja tal-insurance policy fuq il-post li baqgħet tiġġedded kull sena ( Ara Appendiċi 'B').

3.08 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi s-Sur Louis Padovani jkellem lill-Manager tal-Bank of Valletta Balluta Branch biex tiġi ċċarata din il-materja.

3.09 Iċ-Chairman irringrazzja lill-Accountant u lis-Segretarju Ezekuttiv għan-nom tal-Kunsill għall-ħidma tagħhom.

3.10 Is-Sur Padovani ġie skużat fit-3.30 pm.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

4218 Memo 45/2010 mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-kuntratt tal-*Public Private Partnership* fuq Toroq.

4222,4503, K1007&K1120 Korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward it-tlett residenti f'Casaleone li ser jaghlqu mitt sena.

4285 Email mingħand id-Dive Warehouse rigward it-tindif ta' qiegħ il-bahar.

4406&K1092 Email mill-Cleansing Directorate rigward il-kamra ta' hdejn il-Latrina tal-Balluta.

4456 Ittra mingħand il-Kumitat tal-Banda San Giljan rigward appoġġ għall-kuncert fit-Teatru Manoel nhar il-Ħadd 7 ta' Novembru 2010.

4464 Email mingħand Dr. Ivan Gatt rigward *open gutter* fi Triq San Gorg.

4480 Ittra mingħand il-Balluta Residents Association rigward ir-rikonoxximent ufficjali ta' l-assoċjazzjoni.

4481 Ittra mingħand il-Balluta Residents Association rigward il-proposta biex titkabbar il-Bajja tal-Balluta.

4587 Email mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-korrispondenza tal-Balluta Residents Association.

4483 Email mingħand l-Assocajzzjoni Kunsilli Lokali rigward is-SEAP.

4523 Ittra mingħand Fr. Saviour Grima direttur tal-Millenium Chapel rigward is-servizzi tal-WIFI għan-nies li jifrekwentaw il-Millenium Chapel.

4535 Email mingħand il-Kunsilliera Irene Borg rigward diversi lmenti.

4586 Email mingħand l-Information Technology Services Ltd rigward il-versjoni l-ġdida tas-Sage Pastel Partner.

4605 Email mingħand Alfred Zahra de Domenico rigward il-ħsara li saret fuq it-tarġa tad-djar 158A u 159 fi Triq il-Kbira.

4616 Ittra mingħand Palanca Ltd. rigward talba sabiex jisponsorjaw ir-*roundbout* ta' quddiem il-Buon Caffe.

4626 Memo 122/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ikliet/riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali.

4752 Ittra mingħand it-Transport Malta rigward il-parking u l-*fire hydrant* fil-viċinanza Baystreet Complex fi Triq Santu Wistin.

4762 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward is-swimming pool f'Paceville.

4795 Ittra mingħand is-Sur Ian Chircop Beck u s-Sur-Sherif Al Sherif rigward xi attivitajiet li jixtiequ jtellgħu fi Triq Ball.

K1188,4471 4492,4703 &4949 Emails mingħand il-Green MT rigward l-allokazzjoni għas-siti ġodda tal-bring-in-sites u il-ftehim rigward l-iskart separat.

4823 Memo 73/2010 mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward l-Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.

4843 Memo 126/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-attivitajiet fil-lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund.

4852 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta) rigward 10th UDITE Congress – Strasbourg, 29/30 October 2010.

4948& K1218 Email mingħand il-Kunsill Lokali Sliema flimkien ma' Email mibgħuta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward it-Tender Ġbir ta' Skart Domestiku.

4932 Email mingħand it-Transport Malta rigward il-laqgħa *on-site* dwar il-*one way system* fi Trejqet il-Bajja.

4964 Email mingħand il-logicpass rigward il-proposta tal-*Maintenance Agreement*.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 4406

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand il-Cleansing Directorate rigward il-kamra ta' ħdejn il-Latrina tal-Balluta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament

illi l-kuntrattur Raymond Attard, li qed jagħmel użu minn din il-kamra biex iżomm l-għodda konnessi mat-tindif tal-latrini tal-madwar, jiġi nnotifikat bil-kundizzjonijiet li ngħataw mill-Cleansing Directorate u jekk jaċċetta isir ftehim bil-miktub bejn il-kuntrattur Raymond Attard u l-Kunsill bl-istess kundizzjonijiet li ngħataw lill-Kunsill. Jekk ma jaċċettax jiġi mitlub jirritorna ċ-ċavetta immedjatament biex tingħata lura lill-Cleansing Directorate.

Rif. Nru. 4456

2.03 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Kumitat tal-Banda San Giljan rigward l-appoġġ finanzjarju peress li l-Banda ser tesegwixxi kunċert, għall-ewwel darba fl-istorja tal-Kazin, fit-Teatru Manoel nhar il-Ħadd 7 ta' Novembru 2010.

2.04 Wara diskussjoni l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona li, invista tal-kuntratt li ġie ffirmat mal-Green MT b'riferenza għall-artiklu M, l-ewwel paragrafu, (Ara Appendiċi 'C') il-Kunsill Lokali San Ġiljan qed jipproponi li l-Green MT jiġi mitlub jikkontribwixxi s-somma ta' €1,000, li hija parti mit-€3,000 li l-Green MT hija marbuta li tagħti fis-sena lill-Kunsill Lokali San Ġiljan, lill-Banda San Giljan sabiex jittella kunċert fit-Teatru Manoel li ser isir nhar il-Ħadd 7 ta' Novembru 2010, dan wara li l-Kunsill jieħu ruling mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.05 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni fejn sitt Kunsilliera vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Raymond Cachia astjena.

2.06 Din il-mozzjoni għaddiet.

Rif. Nru. 4464

2.07 B'riferenza għall-email mingħand Dr. Ivan Gatt rigward *open gutter* fi Triq San Ġorġ, ġie deċiż unanimament li jitgħatta l-culvert li sar quddiem il-McDonalds.

Rif. Nru. 4480

2.08 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Balluta Residents Association rigward ir-rikonoxximent uffiċjali ta' l-assoċjazzjoni. Ġie deċiż unanimament li tintalab kopja ta' l-istatut tal-assoċjazzjoni u jiġu nfurmati li l-Kunsillier Edgar Montanaro huwa il-Kunsillier responsabbli mill-area tal-Balluta.

Rif. Nru. 4481 u 4587

2.09 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Balluta Residents Association dwar il-proposta tal-Kunsill għat-tkabbir tal-Bajja tal-Balluta, kif ukoll għall-email mingħand l-Uffiċju tal-Prim Ministru rigward il-korrispondenza tal-Balluta Residents Association. Ġie deċiż unanimament illi jiġu nfurmati li dan il-Kunsill m'għandu l-ebda ħsieb li jikri jew jagħmel din il-bajja bħala post kummerċjali iżda l-ħsieb tal-Kunsill huwa li dan il-post jitgawda mir-residenti u l-pubbliku.

Rif. Nru. 4523

2.10 Saret riferenza għall-ittra mingħand Fr. Saviour Grima direttur tal-Millenium Chapel rigward talba għas-servizzi tal-WIFI għan-nies li jifrekwentaw il-Millenium Chapel. Ġie deċiż unanimanent li tintalab ruling mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, jekk hemm xi oġġezjoni sabiex jiġi provdut is-servizz tal-WIFI fil-Millennium Chapel. Dan minħabba li l-Kunsill jidhirlu li peress li l-Millenium Chapel qegħda sabiex tagħti servizz lill-pubbliku, għandha jkollha wkoll l-użu tal-WIFI.

Rif. Nru. 4535

2.11 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsilliera Irene Borg rigward diversi ilmenti. Ġie deċiż unanimament li għalissa l-patching ta' l-area u t-tiswija tal-kurduna ta' Triq Wesgha Agostino Savelli ma jsirux u dan b'riferenza għall-Minuti 32/K6/10 artiklu 4.05.

Rif. Nru. 4586

2.12 Saret riferenza għall-email mingħand l-Information Technology Services Ltd rigward il-verżjoni l-ġdida tas-Sage Pastel Partner. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jsir l-upgrading mis-Sage Pastel Partner version 10 għas-Sage Pastel Partner version 11, la darba dan l-upgrading ser isir bla ħlas mill-Information Technology Services Ltd.

Rif. Nru. 4605

2.13 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Alfred Zahra de Domenico rigward l-allegat ħsara li saret fuq it-tarġa tad-dar fl-indirizz 159 fi Triq il-Kbira. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jinfurma lill-Perit Stephen Farrugia u lill-Kuntrattur Dimbros Ltd. biex jiltaqgħu 'on site' sabiex il-Perit jiġġustifika jekk il-ħsara setax saret mill-Kuntrattur.

Rif. Nru. 4616

2.14 Saret riferenza għall-ittra mingħand Palanca Ltd. rigward talba sabiex jisponsorjaw ir-*roundbout* ta' quddiem il-Buon Caffe. Ġie deċiż unanimament illi l-Palanca Ltd. jiġi nfurmat li l-Kunsill diġa għandu l-Environmental Landscapes Consortium Ltd. bħala kuntrattur li jieħu ħsieb is-soft areas fil-lokalita'.

Rif. Nru. 4795

2.15 Saret riferenza għat-talba tas-Sinjuri Ian Chircop Beck u Sherif Al Sherif rigward attivitajiet li jixtiequ jtellgħu fi Triq Ball. Ġie deċiż unanimament illi:-

- l-Kunsill joġġezjona għal dan it-tip ta' permess minħabba li qed jinħoloq inkonvenjenza għar-residenti u l-pubbliku nġenerali.

- jiġi nfurmat l-Assistent Kummissarju Raymond Zammit b'din id-deċiżjoni.

Rif. Nru. 4471, 4492, 4703 u 4949

2.16 Saret riferenza għall-emails mingħand il-Green MT rigward l-allokazzjoni għas-siti ġodda tal-bring-in-sites u il-ftehim rigward l-iskart separat. Ġie deċiż unanimament li sa mhux aktar tard min-nhar il-Erbgħa 6 t'Ottubru 2010, kull Kunsillier isib area fiż-żona tiegħu fejn jistgħu jitqegħdu l-bring-in-sites. Din l-informazzjoni għandha tintbagħat lill-Green MT.

2.17 L-area li ndikat il-Kunsilliera Irene Borg hija fi Triq Andre' Maurios taħt il-grawnd f'Ta' Gironi.

Rif. Nru. 4843

2.18 Saret riferenza għall-Memo 126/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-attivitajiet fil-lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund. Ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li, għal din is-sena l-Kunsill aċċetta illi minflok issir l-ikla fi żmien il-Milied skont memo 122/2010 il-flus ta' l-ikla li jammontaw għall-€750 (€50 X 15) jingħata lill-Community Chest Fund. Għalhekk il-Kunsill jitlob gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk hemmx oġġezjoni għal din id-deċiżjoni.

Rif. Nru. 4852

2.19 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta) rigward 10th UDITE Congress – Strasbourg. Ġie deċiż unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv tattendi għall-kungress fi Strasbourg għas-spejjez tal-Kunsill.

Rif. Nru. 4964

2.20 B'riferenza għall-email mingħand il-Logicpass rigward il-proposta tal-*Maintenance Agreement* ġie deċiż unanimanemt li jsir kuntratt mal-Logicpass u jitwaqqaf il-

kuntratt mad-Deloitte & Touche, iżda jekk ikun hemm il-bżonn jintuża s-servizz tagħhom.

## 4 Attivitajiet tal-Milied

4.01 Ġie deċiz unanimament li:-

- Tinħareġ sejħa għat-tender jew jinġabru kwotazzjonijiet sabiex isir tiżjin tad-dawl tal-Milied fil-lokalita' fl-istess postijiet tas-sena l-oħra.
- Isir *Coffee Morning* għall-anzjani tal-lokalita' nhar il-Ergħba 15 ta' Diċembru 2010.

## 5 Aġġornament

**Kwotazzjoni - Għall-preparazzjoni tas-*Sustainable Energy Action Plan* (SEAP)**

5.01 Saret riferenza għall-Minuti 33/K6/10 taqsima 6 paragrafu 6.06 – 6.08. Peress li l-Bord maħtur sab xi diffikultajiet ġie deċiż unanimament li l-Perit Stephen Farrugia (MP&DC) jagħti r-rakkomandazjoni tiegħu.

## 6 Tender

**A Period Contract of Upkeep and Maintenance of Access Roads and Access only and Pedestrian Streets**

6.01 B'riferenza għat-Tender *A Period Contract of UpKeep and Maintenance of Access Roads and Access only and Pedestrian Streets*, il-Kunsill ġie ppreżentat bi Skeda (ara Appendiċi ' D '). Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi kopja tat-Tenders sottomessi, tingħata lill-Perit Stephen Farrugia biex jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu.

**Resurfacing of Roads by Public Private Partnership**

6.02 B'riferenza għat-Tender *Resurfacing of Roads by Public Private Partnership*, il-Kunsill ġie ppreżentat bi Skeda (ara Appendiċi 'E'). Ġie deċiż unanimament illi kopja tat-Tenders sottomessi, tingħata lill-Perit Stephen Farrugia biex jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu.

**7 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li rċieva żewgt kontijiet mingħand l-ARMS Ltd, fattura nru. 12711991 għal ammont ta' €1559.15 u fattura nru. 1271192 għal ammont ta' €2337.64, b'konnessjoni mal-gnien pubbliku li jinstab fi Triq William Hardman, Ta' Giorni (Ara Appendiċi 'G'). Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li dawn il-kontijiet ma jithallsux minħabba li huma estimu u li l-ARMS Ltd tiġi mitluba tibgħat kont attwali.

**8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2903 sa 2929 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'H').

8.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2903 sa 2929.

8.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9 Materji Oħra**

9.01 Ġie deċiż unanimament li:-

- tinħareġ is-sejħa għall-offerti għat-Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi peress li t-tender jiskadi fil-31 t'Ottubru 2010.

- s-servizz ta' l-emerġenza għall-ġbir ta' skart domestiku jibqa' għaddej minħabba li l-Kunsill għadu fil-proċess tal-aġġjudikazjoni tat-tender CMHW 03/2010.

- id-deċizjoni tal-Kunsill tal-Minuti 20/K6/09 datati 30 ta' Lulju 2009, paragrafu 8 taqsima 8.05 – 8.06 sabiex tinħareġ tender għall-Mechanical Sweeping m'għadiex tapplika minħabba li l-Kunsill sodisfatt bis-servizz tal-kuntrattur Raymond Attard.

9.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- b'riferenza għall-avviz li deher dwar it-tindif tal-promenade mill-Barracuda sad-Dicks Bar mill-11 t'Awwissu 2010 sat-30 ta' Settembru 2010 il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda mingħand is-Sur Carmelo Sciberras.

- ġiet ikkanċellata il-works order (Inc. No. 3891/10) għal extra service li kien mitlub mill-Cleansing Directorate għal żmien il-festa titolari.

- L-MP&DC għad iridu jagħtu l-istima ta' xi bankini fejn ser isir ix-xogħol b'konessjoni mal-*Public Private Partnership.* Il-Kunsill għad irid jagħmel talba lill-Gvern biex jingħata l-fondi għal dawn ix-xogħolijiet

- b'riferenza għall-Minuti 33/K6/10 taqsima 9 paragrafu 9.03 l-ittra uffiċjali ma ntbagħtitx lill-Active Enterprises peress li ssettilja l-permessi pendenti.

- Reġgħet inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsillier Raymond Cachia minħabba li għadu ma ġabx il-formola tal-FS4 mimlija u ffirmata.

9.03 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-5.50pm.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |